



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 17 ta' Ottubru 2023
(OR. en)

14285/23

CLIMA 483
ENV 1139
ONU 80
DEVGEN 182
ECOFIN 1054
ENER 551
FORETS 155
MAR 126
AVIATION 192

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 13842/23

Suġġett: Tħejijiet għat-28 Konferenza tal-Partijiet (COP28) tal-Konvenzjoni Qafas
tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) (Dubai, 30 ta'
Novembru – 12 ta' Diċembru 2023)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill

Id-delegazzjonijiet isibu fl-[Anness](#) il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq,
kif approvati mill-Kunsill fit-3973 laqgħa tiegħu li saret fis-16 ta' Ottubru 2023.

**Tħejjijiet għat-28 Konferenza tal-Partijiet (COP28) tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet
Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC)**

(Dubai, 30 ta' Novembru – 12 ta' Diċembru 2023)

- Konklużjonijiet tal-Kunsill -

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

L-URĠENZA TAL-AZZJONI DWAR IL-KLIMA

1. JESPRIMI TĦASSIB PROFOND dwar l-impatti osservati tat-tibdil fil-klima, min-nixfa sal-għargħar, in-nirien fil-foresti u l-mewġiet ta' sħana, fost l-oħrajn, li qed ikomplu jiżdiedu madwar id-dinja kollha b'estremi li qed jiksru kull rekord li jaffettwaw il-komunitajiet f'kull kontinent fil-kuntest ta' livelli rekord ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra. Barra minn hekk, JIRRIKONOXXI bi tħassib l-impatti li qed jiżdiedu f'żoni vulnerabbli ħafna bħal, fost l-oħrajn, żoni kostali u muntanjużi u reġjuni polari. Għaldaqstant, JISĦAQ fuq il-ħtieġa estremament urġenti li jissaħħaħ ir-rispons globali biex tiġi indirizzata l-emerġenza klimatika b'aċċellerazzjoni sinifikanti tat-tnaqqis globali tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-pajjiżi kollha u l-azzjoni ta' adattament u l-iżvilupp sostenibbli bħala l-uniku mod biex jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima u jiġu żgurati standards tal-għajxien aħjar u prosperità għan-nies madwar id-dinja, filwaqt li jiġu protetti wkoll in-natura u l-ekosistemi.
2. JILQA' l-adozzjoni tar-Rapport ta' Sinteżi tas-Sitt Rapport ta' Valutazzjoni mill-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC) u JTENNI l-apprezzament qawwi tiegħu għall-ħidma mwettqa mill-IPCC fil-kuntest tas-Sitt Ċiklu ta' Valutazzjoni tiegħu u JISSOTTOLINJA r-rilevanza politika tal-valutazzjonijiet tiegħu dwar soluzzjonijiet potenzjali għal azzjoni.

3. IFAKKAR bi tħassib fis-sejbiet ewlenin ta' dan ir-Rapport ta' Sinteżi, inkluż li i) l-iskala tal-bidliet fis-sistema klimatika kkawżati minn emissjonijiet antropoġeniċi hija bla preċedent fl-istorja tal-umanità, ii) it-tibdil fil-klima kkawżat mill-bniedem qed iżid il-frekwenza, il-kobor, il-firxa spazjali u t-tul ta' avvenimenti estremi tat-temp f'kull reġjun madwar id-dinja, iii) minkejja l-progress fl-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-adattament, jeżistu lakuni u limiti ta' adattament, u iv) bħalissa, il-Kontributi Stabbiliti fil-Livell Nazzjonali (NDCs) kollettivament huma wisq inqas minn biżżejjed biex il-limitu ta' 1.5 °C jintlaħaq matul is-seklu 21, filwaqt li jenfasizza li diġà huma disponibbli opzjonijiet ta' adattament u mitigazzjoni fattibbli, effettivi u li ma jiswewx wisq.
4. JINNOTA bi tħassib kbir is-sejbiet tal-aħħar rapport dwar il-Previżjonijiet Annwali sa Deċennali tal-Klima Globali tal-Organizzazzjoni Meteoroloġika Dinjija, li jindika livelli rekord fit-temperaturi globali fil-ħames snin li ġejjin, filwaqt li jistma probabbiltà ta' 66 % li t-temperatura globali medja annwali qrib il-wiċċ bejn l-2023 u l-2027 ser tkun aktar minn 1.5 °C oġhla mil-livelli preindustrijali għal mill-inqas sena.
5. JISSOTTOLINJA li t-tibdil fil-klima huwa parti minn kriżi planetarja tripla li ssaħħaħ lilha nnifisha u tinkludi t-telf tal-bijodiversità u t-tniġġis. JAPPELLA għal soluzzjonijiet li għandhom il-potenzjal li jindirizzaw diversi kriżijiet simultanjament, inkluż soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura.
6. F'dan il-kuntest, JAPPELLA B'MOD URĠENTI għal aktar azzjoni u ambizzjoni globali f'dan id-deċennju kruċjali, f'konformità mar-rapporti tal-IPCC: il-limitazzjoni tat-tisħin għal madwar 1.5 °C tirrikjedi li l-emissjonijiet globali ta' gassijiet serra jilhqqu l-quċċata tagħhom sa mhux aktar tard minn qabel l-2025 u jitnaqqsu bi 43 fil-mija sal-2030 u b'60 fil-mija sal-2035, meta mqabbla mal-2019.

7. ITENNI bl-aktar mod qawwi possibbli l-kundanna tal-gwerra ta' aggressjoni tal-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna, li mhux biss tikser b'mod serju d-dritt internazzjonali u qed tikkawża telf kbir ta' ħajjiet u effetti negattivi fuq is-saħħa inkluż lill-popolazzjoni ċivili iżda wkoll ikkaġunat ħsara immedjata lin-natura u degradazzjoni ambjentali fit-tul, qed toħloq riskji għas-sikurezza nukleari, u qed twassal għal dewmien fl-azzjoni tant meħtieġa dwar it-tibdil fil-klima. JISĦAQ li din il-gwerra għandha effetti sekondarji negattivi serji fuq is-sigurtà tal-enerġija u tal-ikel, speċjalment fin-Nofsinhar Globali, minbarra li ddgħajjef is-sigurtà u l-istabbiltà globali, u li għandha tiġi indirizzata b'mod urġenti u deċiżiv mill-komunità internazzjonali.

IT-TISĦIĦ TAL-AZZJONI, L-AMBIZZJONI, L-OPPORTUNITAJIET U L-APPOĠĠ

8. Qabel il-COP28, ITENNI li l-impenn internazzjonali permezz ta' multilateraliżmu b'saħħtu bbażat fuq ir-regoli huwa kruċjali biex jinkisbu riżultati ta' suċċess fl-indirizzar tal-sfida globali tat-tibdil fil-klima.
9. JENFASIZZA l-opportunitajiet li azzjoni dwar il-klima ġġib magħha, mhux biss għall-pjaneta u l-ekonomija globali, inkluż f'termini ta' opportunitajiet ta' investiment u finanzjament, kompetittività, innovazzjoni, ħolqien ta' impjiegi u tkabbir ekonomiku, iżda wkoll għan-nies f'dak li għandu x'jaqsam ma' standards tal-għajxien aħjar, saħħa, impjiegi deċenti, sistemi tal-ikel sostenibbli u prezzijiet tal-enerġija affordabbli.

10. JAGĦRAF li l-Partijiet, meta jieħdu azzjoni biex jindirizzaw it-tibdil fil-klima, għandhom jirrispettaw, jippromwovu u jikkunsidraw l-obbligi rispettivi tagħhom b'rabta mad-drittijiet tal-bniedem, id-dritt għas-saħħa, id-dritt għal ambjent nadif, san u sostenibbli, id-drittijiet tal-popli indiġeni kif stabbiliti fid-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni, il-komunitajiet lokali, il-migranti, it-tfal u ż-żgħażaġh, il-persuni b'diżabbiltajiet u l-persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, kif ukoll l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, it-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet u l-ekwiżità interġenerazzjonali. JISĦAQ li l-parteċipazzjoni, l-involviment u l-aċċess pubbliku u inklużiv għall-informazzjoni, inkluż għas-soċjetà ċivili u partijiet ikkonċernati differenti, huma kruċjali għall-promozzjoni tal-ġustizzja soċjali, l-ekwiżità u l-inklużività fit-tranżizzjoni globali lejn in-newtralità klimatika. ITENNI li l-UE tibqa' impenjata lejn dawn il-valuri. F'dan il-kuntest, JAGĦRAF il-ħidma tar-Relatur Speċjali dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-kuntest tat-tibdil fil-klima.
11. JISSOTTOLINJA li kif rifless fir-rapporti tal-IPCC, kollettivament, l-NDCs u l-aġġornamenti u l-implimentazzjoni tagħhom għadhom ferm 'il bogħod milli hu meħtieġ biex l-oġettiv ta' 1.5 °C ikun jista' jintlaħaq u JENFASIZZA bi tħassib serju li l-ambizzjoni globali trid tiżdied sostanzjalment f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi.
12. IFAKKAR li l-Partijiet kollha ġew imħeġġa jirrevedu u jsaħħu l-miri tal-2030 fl-NDCs tagħhom kif ukoll jippubblikaw jew jaġġornaw l-istrateġiji ta' żvilupp fit-tul tagħhom b'emissjonijiet baxxi ta' gassijiet serra kif meħtieġ biex jallinjawhom mal-mira tat-temperatura tal-Ftehim ta' Pariġi ferm qabel il-COP28. Dawn għandhom jinkludu l-gassijiet serra u s-setturi kollha u jkunu sostnuti minn politiki u miżuri konkreti għall-implimentazzjoni tagħhom.

13. F'dan il-kuntest, JIRRIKONOXXI r-rwol kruċjali tal-ekonomiji l-kbar kollha biex jillimitaw iż-żidiet fit-temperatura globali matul dan id-deċennju kruċjali u fid-deċennji sussegwenti u JISSOTTOLINJA li kull ekonomija kbira għandha tkun tejbet b'mod sinifikanti l-ambizzjoni tal-NDC tagħha mill-adozzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi, tkun diġà laħqet l-ogħla livell tagħha ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra jew indikat li ser tagħmel dan mhux aktar tard mill-2025, u tkun inkludiet miri assoluti ta' tnaqqis mifruxa fl-ekonomija kollha li jkopru l-gassijiet serra kollha fl-NDC tagħha. JISSOTTOLINJA wkoll li l-ekonomiji l-kbar kellhom jippreżentaw jew jaġġornaw l-istrateġiji ta' żvilupp fit-tul tagħhom, inkluż mira biex jilħqu emissjonijiet ta' gassijiet serra żero netti malajr kemm jista' jkun, u sa mhux aktar tard mill-2050, f'konformità mal-NDCs aġġornati tagħhom u biex l-oġettiv ta' 1.5 °C ikun għadu jista' jintlaħaq.
14. JISSOTTOLINJA li l-bidla lejn ekonomija newtrali għall-klima f'konformità mal-għan ta' 1.5 °C ser tirrikjedi l-eliminazzjoni gradwali globali tal-fjuwils fossili b'emissjonijiet mhux imnaqqsa u l-ogħla livell fil-konsum tagħhom diġà f'dan id-deċennju biex titwettaq il-mitigazzjoni meħtieġa kif indikat mill-IPCC. F'dan il-kuntest, JISSOTTOLINJA l-importanza li s-settur tal-enerġija jkun fil-biċċa l-kbira ħieles mill-fjuwils fossili ferm qabel l-2050 u l-importanza li jintlaħaq l-għan li tinkiseb sistema globali tal-enerġija kompletament jew b'mod predominanti dekarbonizzata fis-snin 30, li ma tħalli l-ebda lok għal enerġija ġdida mill-faħam, peress li miżuri kosteffettivi ta' emissjonijiet żero diġà huma disponibbli fil-wisa' f'dak is-settur, liema miżuri jipprovdu benefiċċji multipli, fost l-oħrajn, għall-iżvilupp sostenibbli, is-saħħa tal-bniedem u l-kwalità tal-arja, il-ħolqien tal-impjiegi kif ukoll is-sigurtà tal-enerġija. Barra minn hekk, JISSOTTOLINJA li t-teknoloġiji għat-tnaqqis tal-emissjonijiet li ma jagħmlux ħsara sinifikanti lill-ambjent jeżistu fuq skala limitata u għandhom jintużaw biex inaqqsu l-emissjonijiet prinċipalment minn setturi fejn huwa diffiċli li jitnaqqsu u li t-teknoloġiji tal-assorbiment għandhom jikkontribwixxu għal emissjonijiet negattivi globali, u JENFASIZZA li dawn m'għandhomx jintużaw biex idewmu l-azzjoni klimatika f'setturi fejn huma disponibbli alternattivi ta' mitigazzjoni fattibbli, effettivi u kosteffiċjenti, b'mod partikolari f'dan id-deċennju kruċjali. JAPPELLA għat-tneħħija gradwali mill-aktar fis possibbli tas-sussidji għall-fjuwils fossili li ma jindirizzawx il-faqar enerġetiku jew it-tranżizzjoni ġusta.

15. JINKORAĠĠIXXI l-ħidma biex jintlaħaq qbil dwar għanijiet u miri globali kompatibbli ma' 1.5 °C sal-2030 għal żieda rapida fl-effiċjenza enerġetika u l-aċċellerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli. Għalhekk, JAPPELLA għal azzjoni globali lejn it-triplikar tal-kapaċità tal-enerġija rinnovabbli installata għal 11 TW u l-irduppar tar-rata ta' titjib fl-effiċjenza enerġetika sal-2030, filwaqt li tiġi rrispettata t-taħlita tal-enerġija nazzjonali ta' kull pajjiż. Dawn il-miri għandhom jimxu id f'id mal-iffrankar tal-enerġija u mal-eliminazzjoni gradwali tal-produzzjoni u l-konsum tal-enerġija mill-fjuwils fossili, li għandhom jiġu adottati mill-COP28, filwaqt li ssir ħidma mal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, inkluż permezz tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet, assistenza teknika u finanzjarja mis-sorsi kollha, biex jiġu indirizzati l-isfidi u jinkisbu l-benefiċċji, inkluż fejn jidħol aċċess għall-enerġija u s-sigurtà, tat-tranżizzjoni.
16. JISSOTTOLINJA s-sejbiet tal-IPCC fis-6 Ċiklu ta' Valutazzjoni tiegħu, li l-miżuri ta' mitigazzjoni meħtieġa relatati mal-enerġija għandhom ikunu akkumpanjati minn miżuri relatati mal-materjali, bħall-effiċjenza tal-materjali u l-ekonomija ċirkolari.
17. JILQA' l-ftehim dwar l-elementi essenzjali tal-qafas leġiżlattiv neċessarju proposti permezz tal-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %" li ser jippermettu lill-Unjoni Ewropea timplimenta l-NDC tagħha u tnaqqas l-emissjonijiet netti tagħha tal-gassijiet serra b'mill-inqas 55 % sal-2030 meta mqabbla mal-livelli tal-1990, u tikseb in-newtralità klimatika mhux aktar tard mill-2050, u bl-għan li wara tikseb emissjonijiet negattivi. JINNOTA li, skont l-istimi tal-Kummissjoni, il-qafas leġiżlattiv "Lesti għall-mira ta' 55 %", meta jiġi implimentat għal kollox, jista' jippermetti lill-UE u lill-Istati Membri tagħha li sal-2030 jaqbżu l-mira tal-UE għat-tnaqqis domestiku nett tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra ta' mill-inqas 55 % meta mqabbel mal-1990.
18. JILQA' B'SODISFAZZJON il-preżentazzjoni lill-UNFCCC ta' aġġornament tal-NDC tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha li jirrifletti l-elementi essenzjali tal-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %" fl-informazzjoni meħtieġa għaċ-ċarezza, it-trasparenza u l-fehim (ICTU), f'konformità mad-deċiżjonijiet meħuda fil-COP26 u l-COP27 biex tiġi indirizzata l-urġenza li tittieħed azzjoni f'dan id-deċennju.

19. JINDIKA li l-UE ser tistabbilixxi l-mira klimatika li jmiss tagħha, f'konformità mal-Liġi Ewropea dwar il-Klima. IFAKKAR li, għal dak l-għan, mhux aktar tard minn 6 xhur mill-ewwel Rendikont Globali, il-Kummissjoni għandha tagħmel proposta leġiżlattiva, kif xieraq, ibbażata fuq valutazzjoni tal-impatt dettaljata.
20. JIRRIKONOXXI l-importanza dejjem akbar għall-Partijiet kollha li jtejbju l-kapaċità ta' adattament tagħhom, jibnu r-reżiljenza tagħhom u jnaqqsu l-vulnerabbiltà tagħhom għat-tibdil fil-klima u JISSOTTOLINJA r-rwol ċentrali ta' strateġiji u pjanijiet ta' adattament nazzjonali olistiċi, inklużivi u implimentati b'mod effettiv.
21. JISSOTTOLINJA l-isforz dejjem akbar mill-UE u l-Istati Membri tagħha biex jipprevjenu r-riskji li jirriżultaw mit-tibdil fil-klima, kemm fit-territorji tagħhom kif ukoll barra, kif rifless fil-formulazzjoni u l-implimentazzjoni ta' strateġiji u pjanijiet ta' adattament mill-Istati Membri kollha, l-integrazzjoni tal-adattament fil-politiki settorjali rilevanti tal-UE u t-titjib tal-Missjoni Ewropea dwar l-Adattament u l-implimentazzjoni tal-Istrateġija ta' Adattament tal-UE. JISTENNA B'INTERESS il-Valutazzjoni Ewropea tar-Riskju Klimatiku li ser tappoġġa l-identifikazzjoni ta' prijoritajiet politiċi relatati mal-adattament fl-Ewropa u l-iżvilupp politiku f'setturi sensittivi għall-klima.
22. ITENNI l-importanza tad-dimensjoni internazzjonali fl-Istrateġija ta' Adattament tal-UE, filwaqt li jenfasizza l-appoġġ tal-UE għar-reżiljenza u t-tħejjija internazzjonali għall-klima, it-tfassil ta' politiki u inċentivi għall-promozzjoni ta' investimenti reżiljenti għall-klima, u appoġġ immirat għall-pajjiżi sħab, b'mod partikolari għal attivitajiet li jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-istadji differenti taċ-ċiklu tal-politika ta' adattament (valutazzjoni tar-riskju, ippjanar, implimentazzjoni, monitoraġġ, evalwazzjoni u taġħlim).
23. JAPPELLA lill-Partijiet kollha għal sforzi akbar biex jintegraw l-adattament għat-tibdil fil-klima u r-reżiljenza għalih fil-politiki, il-programmi u l-attivitajiet rilevanti u eżistenti, fis-setturi rilevanti kollha, peress li dawn l-isforzi huma kruċjali biex jiġi miġġieled it-theddid dejjem jikber tat-tibdil fil-klima.

24. JENFASIZZA li ż-żamma taż-żieda fit-temperatura medja globali taħt il-1.5 °C ser tkun essenzjali biex jiġu evitati, minimizzati u indirizzati t-telf u l-ħsara futuri assoċjati mal-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima.
25. JENFASIZZA li l-ebda mezz uniku ta' rispons mhu ser ikun biżżejjed biex jiġu evitati, minimizzati u indirizzati t-telf u l-ħsara assoċjati mal-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima. F'dan il-kuntest, JAGĦRAF li ħafna pajjiżi, istituzzjonijiet u partijiet ikkonċernati diġà huma involuti fil-finanzjament ta' mużajk ta' soluzzjonijiet għar-rispons għat-telf u l-ħsara. JIRRIKONNOXXI li l-arranġamenti ta' finanzjament eżistenti jeħtieġ li jissaħħu biex jiżiedu r-risponsi għat-telf u l-ħsara mill-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima u biex jiġu indirizzati l-lakuni prijoritarji eżistenti relatati mal-azzjoni u l-appoġġ li jingħataw b'rispons għat-telf u l-ħsara. Fid-dawl ta' dan, JINNOTA, fost oħrajn, il-potenzjal tal-Banek Multilaterali tal-Iżvilupp u l-Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali, inkluż il-Grupp tal-Bank Dinji, il-Fond Monetarju Internazzjonali u l-Bank Ewropew tal-Investment, biex jikkontribwixxu għall-arranġamenti ta' finanzjament għar-rispons għat-telf u l-ħsara.
26. ITENNI l-appoġġ qawwi tal-UE għas-sejħa tas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti għal kopertura universali ta' sistemi ta' twissija bikrija li jsalvaw il-ħajjiet fil-ħames snin li ġejjin permezz tal-Inizjattiva dwar ir-Riskju Klimatiku u s-Sistemi ta' Twissija Bikrija (CREWS) u l-Faċilità Finanzjarja ta' Osservazzjoni Sistemika (SOFF), kif ukoll l-inizjattiva tal-V20/G7 Tarka Globali kontra r-Riskji Klimatiċi biex tiżdied il-protezzjoni għal persuni u pajjiżi vulnerabbli billi jiġi pprovdut u ffaċilitat finanzjament sostanzjalment aktar u aħjar irranġat minn qabel kontra d-diżastri. JINTRABAT li jappoġġa dawn l-isforzi inkluż billi jżid il-Finanzjament u l-Assigurazzjoni għal Riskji Klimatiċi u għal Riskji ta' Diżastri (CDRFI) u jagħmel l-arkitettura globali tas-CDRFI sistemika, koerenti u sostnuta.
27. JISTENNA B'INTERESS id-diskussjoni dwar il-Konklużjonijiet tiegħu dwar il-finanzjament għall-klima fil-laqgħa tiegħu tas-17 ta' Ottubru 2023.

28. JAFFERMA MILL-ĠDID l-impenn qawwi tal-UE u l-Istati Membri tagħha lejn it-twettiq tal-mira kollettiva ta' USD 100 biljun għall-mobilizzazzjoni tal-finanzjament għall-klima sal-2025 fil-kuntest ta' azzjoni sinifikanti ta' mitigazzjoni u trasparenza dwar l-implimentazzjoni, JISTENNA li dan l-għan jintlaħaq fl-2023 u JĦEĠĠEĠ lill-pajjiżi kkonċernati l-oħra kollha biex iżidu l-isforzi tagħhom f'dan ir-rigward. JAPPELLA lis-sħab kollha, mir-reġjuni kollha, li huma f'pożizzjoni li jagħmlu dan, inkluż gvernijiet, istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, entitajiet tan-Nazzjonijiet Uniti u organizzazzjonijiet intergovernattivi u istituzzjonijiet bilaterali u multilaterali oħra, inkluż organizzazzjonijiet mhux governattivi u sorsi privati, biex jipprovdu appoġġ imsaħħaħ u addizzjonali għall-azzjoni klimatika, inkluż fir-rispons għat-telf u l-ħsara, kif ukoll biex jidentifikaw sorsi ġodda u innovattivi ta' finanzjament, inkluż mis-settur tal-fjuwils fossili sabiex jappoġġaw lill-pajjiżi l-aktar vulnerabbli fil-mitigazzjoni u l-bini tar-reżiljenza kontra t-tibdil fil-klima.
29. JILQA' l-eżitu tas-Summit għal Patt ta' Finanzjament Globali Ġdid, li ser jikkontribwixxi għall-aġġornament tas-sistema ta' finanzjament internazzjonali u jimmobilizza riżorsi finanzjarji addizzjonali għall-ġlieda kontra l-faqar u jindirizza aħjar l-isfidi globali tal-klima u l-bijodiversità. JIEĦU NOTA tal-eżitu tal-konferenza ta' rikostituzzjoni tal-Fond Ekoloġiku għall-Klima.

30. JISSOTTOLINJA l-importanza li l-ewwel Rendikont Globali fil-COP28 f'Dubai, bħala s-sinsla taċ-ċiklu ta' ambizzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi, jiġi konkluż b'suċċess b'eżitu ambizzjuż u li jħares 'il quddiem li jikkristallizza l-perkorsi u l-opportunitajiet għal żvilupp reżiljenti għall-klima u sostenibbli li jħallu l-possibbiltà li jintlaħaq il-limitu ta' 1.5 °C, inkluż rakkomandazzjonijiet konkreti għal azzjoni msaħħa, ibbilanċjata, immedjata, trasformattiva u ambizzjuża dwar il-mitigazzjoni u l-adattament qabel u wara l-2030, fis-sistemi kollha, kif ukoll għall-allinjament tal-flussi finanzjarji globali mal-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi. F'dan il-kuntest, JAPPELLA biex l-eżitu tal-ewwel Rendikont Globali jipprovdi sinjali politiċi konkreti lill-Partijiet u lill-Entitajiet Ikkonċernati li mhumiex Partijiet li jistgħu jixprunaw azzjoni fuq il-post u jsaħħu l-kooperazzjoni internazzjonali, u JAPPELLA lill-Partijiet kollha, b'mod partikolari l-ekonomiji l-kbar, biex iħejju u jikkomunikaw l-istrateġiji ta' żvilupp fit-tul, inkluż mira biex jinkisbu emissjonijiet ta' gassijiet serra zero netti malajr kemm jista' jkun, u sa mhux aktar tard mill-2050, u NDCs imtejba suċċessivi li jkunu konformi mal-ilħuq tal-1.5 °C, inkluż miri għat-tnaqqis tal-emissjonijiet fl-ekonomija kollha li jkopru l-gassijiet serra kollha. IHEĠĠEGĠ lill-Kumitat ta' Livell Għoli tar-Rendikont Globali biex jiskatta momentum politiku għal eżitu ta' suċċess tal-ewwel Rendikont Globali fit-tnejn għal u matul is-CMA5 u JILQA' B'SODISFAZZJON l-eżiti tas-Summit dwar l-Ambizzjoni Klimatika tas-Segretarju Ġenerali tan-NU.
31. JILQA' t-tnedija tal-programm ta' ħidma dwar il-mitigazzjoni biex jiżdiedu b'mod urġenti l-ambizzjoni u l-implimentazzjoni tal-mitigazzjoni f'dan id-deċennju kruċjali u l-għażla ta' tranżizzjoni ġusta tal-enerġija bħala s-suġġett annwali ta' din is-sena. JAPPELLA biex il-programm ta' ħidma dwar il-mitigazzjoni jiġbor prattiki tajbin u jipprovdi soluzzjonijiet li jistgħu jitħaddmu u li jistgħu jippermettu lill-Partijiet kollha jnaqqsu l-emissjonijiet mis-settur tal-enerġija li għandu l-akbar potenzjal għat-tnaqqis tal-emissjonijiet u jipprovdi l-miżuri aktar kosteffettivi u għalhekk ikun fl-aħjar pożizzjoni biex jikkontribwixxi għaż-żieda fl-ambizzjoni u l-implimentazzjoni f'dan id-deċennju kruċjali. IHEĠĠEGĠ lil-Laqqha ta' Diskussjoni Ministerjali annwali ta' Livell Għoli dwar l-ambizzjoni ta' qabel l-2030 biex tqis dawn is-soluzzjonijiet sabiex jiskatta impuls politiku għall-implimentazzjoni tagħhom fil-livell nazzjonali, u l-konsiderazzjoni tagħha fl-NDCs bil-ħsieb li tiżdied l-ambizzjoni globali u JAPPELLA lill-Partijiet kollha għal deċiżjoni sinifikanti u ambizzjuża fuq il-programm ta' ħidma dwar il-mitigazzjoni fil-COP28.

32. JILQA' l-istabbiliment tal-Programm ta' Ħidma għal Tranżizzjoni Ġusta dwar perkorsi biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi u JINTRABAT li jaħdem b'mod kostruttiv mal-Partijiet biex tintlaħaq deċiżjoni dwar il-kamp ta' applikazzjoni u t-tfassil tiegħu għall-konsiderazzjoni u l-adozzjoni mis-CMA5. JAPPELLA għal programm ta' ħidma ċċentrat fuq in-nies, b'ħadd ma jitħalla jibqa' lura, u li joħloq spazju fejn il-Partijiet kollha u l-Entitajiet ikkonċernati Mhux Partijiet ikunu jistgħu jikkollaboraw, jipprovdu u jużaw informazzjoni dwar tranżizzjoni ġusta u għalhekk isaħħu l-kapaċità tagħhom li jimplimentaw tranżizzjoni ġusta domestikament ibbażata fuq dialogu soċjali sinifikattiv u effettiv u l-parteċipazzjoni inklużiva ta' kulħadd.
33. JILQA' d-dialogu siewi li sar taħt il-Programm ta' Ħidma ta' Glasgow-Sharm El-Sheikh dwar l-Għan Globali dwar l-Adattament, li ffaċilita l-kondiviżjoni ta' viżjonijiet differenti u t-tagħlim dwar l-aħjar prattiki u esperjenzi li jistgħu jispiraw l-identifikazzjoni ta' prijoritajiet kondiviżi għal azzjoni globali li jappoġġaw il-progress lejn l-implimentazzjoni u l-kisba tal-Għan Globali dwar l-Adattament. JISĦAQ fuq il-ħtieġa li jiġi żgurati proċessi inklużivi, lokali u parteċipatorji u li l-ifqar u l-aktar vulnerabbli jiġu protetti mit-tibdil fil-klima, u JTENNI l-impenn qawwi tal-UE li timpenja ruħha b'mod kostruttiv lejn l-ilħuq ta' ftehim fil-COP28 biex jipprovdi qafas effettiv li jsaħħaħ, b'miri azzjonabbli, iċ-ċiklu ta' politika ta' adattament biex jiggwida l-kisba tal-Għan Globali dwar l-Adattament u r-rieżami tal-progress ġenerali li sar biex dan jintlaħaq.
34. IFAKKAR li l-Patt Klimatiku ta' Glasgow iħeġġeġ lill-Partijiet mill-pajjiżi żviluppati biex, kollettivament, mill-inqas jirdupjaw il-forniment ta' finanzjament għall-klima għall-adattament għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw mil-livelli tal-2019 sal-2025, fil-kuntest tal-kisba ta' bilanċ bejn il-mitigazzjoni u l-adattament fil-forniment ta' riżorsi finanzjarji miżjuda. JENFASIZZA l-impenn tal-UE li tkun minn ta' quddiem fl-isforz kollettiv biex iżżid il-forniment u l-mobilizzazzjoni ta' finanzjament għall-adattament b'enfasi speċifika fuq pajjiżi u komunitajiet foqra u vulnerabbli, b'mod partikolari l-pajjiżi l-anqas żviluppati u l-istati gżejjer żgħar li qed jiżviluppaw.

35. JIKKONFERMA MILL-ĠDID l-impenn kontinwu tal-UE għall-operazzjonalizzazzjoni sħiħa tan-Network ta' Santiago biex jiġu evitati, minimizzati u indirizzati t-telf u l-ħsara assoċjati mal-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima malajr kemm jista' jkun bl-elezzjoni ta' ospitant tas-Segretarjat tan-Network u bord konsultattiv, mis-CMA5, biex tkompli tissaħħaħ il-koordinazzjoni globali biex tiġi katalizzata assistenza teknika mmexxija mid-domanda ta' organizzazzjonijiet, korpi, networks u esperti rilevanti għall-implimentazzjoni ta' approċċi rilevanti f'pajjiżi li qed jiżviluppaw li huma partikolarment vulnerabbli għall-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima.
36. JILQA' l-ħidma tas-segretarjat tal-UNFCCC u l-Kumitat Tranżitorju dwar l-operazzjonalizzazzjoni tal-arranġamenti l-ġodda ta' finanzjament, inkluż fond, biex jirrispondu għat-telf u l-ħsara kif ukoll biex jimmassimizzaw l-appoġġ minn arranġamenti ta' finanzjament eżistenti, fir-rispons għat-telf u l-ħsara assoċjati mal-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima. JISTENNA B'INTERESS ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Tranżitorju dwar it-Telf u l-ħsara li għandhom jitqiesu fil-COP28. ITENNI l-impenn tiegħu li jħaddem id-deċiżjoni tal-COP27 dwar arranġamenti ġodda ta' finanzjament, inkluż fond, biex jgħin lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw li huma partikolarment vulnerabbli għall-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima. JISSOTTOLINJA l-importanza li wieħed iħares lil hinn mill-indikaturi tradizzjonali meta jiġu vvalutati r-riskji u l-vulnerabbiltajiet klimatiċi u JISTENNA B'INTERESS il-kontinwazzjoni tad-Djalogu ta' Glasgow fost il-Partijiet, l-organizzazzjonijiet u l-partijiet ikkonċernati rilevanti. JISSOTTOLINJA li l-arranġamenti l-ġodda ta' finanzjament, inkluż fond, għandhom ikunu bbażati fuq il-lakuni prijoritarji identifikati fix-xenarju finanzjarju eżistenti fl-UNFCCC u fil-Ftehim ta' Pariġi u barra minnhom, iridu jiffukaw fuq pajjiżi li qed jiżviluppaw li huma partikolarment vulnerabbli għall-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima u jkunu bbażati fuq bażi wiesgħa ta' kontributuri u jqisu wkoll il-koordinazzjoni, il-koerenza u l-komplementarjetà mal-arranġamenti ta' finanzjament eżistenti.

37. JISTENNA B'INTERESS li jkompli d-deliberazzjonijiet dwar Għan Kollettiv Ġdid Kwantifikat (NCQG) dwar il-finanzjament għall-klima fil-kuntest ta' azzjonijiet ta' mitigazzjoni sinifikanti u t-trasparenza dwar l-implimentazzjoni li, filwaqt li jittieħed kont debitu tal-ħtiġijiet u l-prijoritajiet tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, jikkontribwixxi bħala sforz globali, minn varjetà wiesgħa ta' sorsi, pubbliċi u privati, għall-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi, inkluż fil-kuntest li l-flussi finanzjarji jsiru konsistenti ma' perkors lejn emissjonijiet baxxi ta' gassijiet serra u żvilupp reżiljenti għat-tibdil fil-klima. IĦEĠĠEĠ bis-sħiħ diskussjoni dwar l-espansjoni tal-bażi tal-kontributori għall-għan kwantifikat kollettiv il-ġdid, li jirrifletti n-natura dinamika tal-kapaċitajiet, fid-djalogi tal-esperti tekniċi li jmiss kif ukoll fid-Djalogu Ministerjali ta' Livell Għoli fil-COP28. JAPPELLA lill-Partijiet kollha għall-Ftehim ta' Pariġi li huma f'pożizzjoni li jikkontribwixxu għal dan l-isforz globali biex jagħmlu dan.
38. JILQA' d-djalogu ta' Sharm el-Sheikh dwar l-iskambju ta' fehmiet dwar u t-titjib tal-fehim tal-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 2, il-paragrafu 1(c), tal-Ftehim ta' Pariġi u l-komplementarjetà tiegħu mal-Artikolu 9. ITENNI li l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet biex jintlaħaq l-għan stabbilit fl-Artikolu 2.1.c mhux ser tissostitwixxi l-għoti ta' finanzjament għall-klima lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw u l-impenji relatati tal-pajjiżi żviluppatti. IĦEĠĠEĠ lis-settur privat u lil entitajiet ikkonċernati ewlenin oħra biex iżidu l-azzjoni tagħhom u biex jinvolvu ruħhom f'din id-diskussjoni bl-għan li jiġu identifikati soluzzjonijiet li jindirizzaw l-ostakli fil-mobilizzazzjoni tal-finanzjament privat għall-azzjoni dwar il-klima. JISTENNA B'INTERESS l-eżiti taż-żewġ workshops fl-2023 u r-rapport tagħhom għall-konsiderazzjoni tas-CMA5 dwar id-deliberazzjonijiet ta' dawn il-workshops u JISTENNA B'INTERESS l-istabbiliment ta' punt ġdid iddedikat fuq l-aġenda fil-COP28 biex jinkwadra u javvanza d-diskussjonijiet u l-fehim kondiviż ta' kif għandu jintlaħaq l-għan li l-flussi finanzjarji jsiru konsistenti ma' perkors lejn emissjonijiet baxxi ta' gassijiet serra u żvilupp reżiljenti għat-tibdil fil-klima bħala faċilitatur kruċjali biex jiġi mobilizzat il-finanzjament fuq skala kbira. F'dan il-kuntest, JENFASIZZA l-ħidma tal-Koalizzjoni tal-Ministri għall-Finanzi għall-Azzjoni dwar il-Klima.

39. Filwaqt li l-enfasi jeħtieġ li tibqa' fuq it-tnaqqis tal-emissjonijiet fuq livell nazzjonali u ż-żieda fl-assorbimenti, JIRRIKONNOXXI l-potenzjal tal-Artikolu 6 għall-faċilitazzjoni ta' aktar ambizzjoni biex jingħalaq id-distakk lejn il-limitazzjoni tat-tiġin globali għal 1.5 C u t-trawwim tal-involvement tas-settur privat fl-azzjoni dwar il-klima, u l-mobilizzazzjoni ta' riżorsi finanzjarji u mhux finanzjarji għall-azzjoni dwar il-klima, filwaqt li jiġu osservati s-salvagwardji ambjentali u soċjali, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, u l-protezzjoni kontra r-riskji relatati mal-klima. JISSOTTOLINJA li l-premessa indispensabbli hija li jiġi żgurat li l-użu tal-Artikolu 6 jikkontribwixxi għall-għanijiet fit-tul tal-Ftehim ta' Pariġi, jinkoraġġixxi l-ambizzjoni, jipproteġi l-bijodiversità, jissalvagwardja l-bjar naturali, jappoġġa l-investiment trasformattiv u l-iżvilupp sostenibbli u jiżgura l-integrità ambjentali, filwaqt li jirrispetta d-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-drittijiet tal-popli indiġeni kif imniżżla fid-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni. JISĦAQ fuq l-importanza li l-mekkaniżmi tal-Artikolu 6 jiġu allinjati mill-qrib mal-NDC tal-Partijiet ospitanti, l-istrateġiji fit-tul tagħhom u mal-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi li jirrispettaw il-kontributi tal-pajjiżi ospitanti u jippreservaw l-ispazju għal ambizzjoni akbar permezz tal-kondiviżjoni tal-benefiċċji ta' mitigazzjoni u l-evitar tad-dipendenza fuq livelli mhux sostenibbli ta' emissjonijiet, l-iżgurar tat-trasparenza u l-addizzjonalità, l-indirizzar tan-nuqqas ta' permanenza u l-evitar tal-għadd doppju fost il-parteċipanti tal-Artikolu 6 kif ukoll it-titjib tal-proċessi ta' kejl, rapportar u verifika robusti u trasparenti fis-setturi kollha. JISSOTTOLINJA l-importanza li jiġu żgurati infrastruttura u rappurtar robusti, eżawrjenti u trasparenti li jippermettu t-traċċar tal-unitajiet mill-ħruġ tagħhom sal-kanċellazzjoni tagħhom b'mod ċentralizzat. JENFASIZZA l-importanza ta' tiġin tal-kapaċitajiet għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw għal implimentazzjoni robusta ta' attivitajiet ibbażati fuq is-suq skont il-Ftehim ta' Pariġi. JILQA' s-Sejħa għal Azzjoni għas-Swieq tal-Karbonju allinjati fuq il-Ftehim ta' Pariġi mnedija fis-Summit għal Patt ta' Finanzjament Globali Ġdid.

40. HUWA DETERMINAT li jaħdem mal-Partijiet kollha biex:

- Ikompli jippromwovi l-implimentazzjoni tal-qafas ta' trasparenza msaħħa.
- Ikompli jippromwovi diskussjoni inklużiva dwar il-futur tal-UNFCCC b'enfasi fuq is-simplifikazzjoni tal-aġendi u t-titjib tal-effiċjenza tal-proċess, filwaqt li jiżgura l-inklużività u jipprovdi aktar spazju, kif ukoll jiffaċilita l-parteċipazzjoni diġitali, fil-proċess tal-UNFCCC, għall-involviment fit-tisħiħ tal-ambizzjoni u l-implimentazzjoni msaħħa.
- Javvanza l-implimentazzjoni ambizzjuża tal-Programm ta' Ħidma ta' Glasgow għall-Azzjoni għal Awtonomizzazzjoni b'rabta mal-Klima u l-Pjan ta' Azzjoni tiegħu.
- Jindirizza d-dimensjoni tal-ġeneru biex jisfrutta l-potenzjal sħiħ tal-politiki dwar il-klima u jappoġġa azzjonijiet komprensivi biex tinkiseb l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, inkluż bl-implimentazzjoni kontinwa tal-Programm ta' Ħidma msaħħa ta' Lima dwar il-Ġeneri u t-tieni Pjan ta' Azzjoni tiegħu dwar il-Ġeneru.
- Javvanza d-diskussjonijiet skont il-Programm ta' Ħidma Konġunt il-ġdid ta' Sharm El-Sheikh dwar l-implimentazzjoni tal-azzjoni dwar il-klima fl-agrikoltura u s-sigurtà tal-ikel u jadotta pjan direzzjonali li jiddeskrivi l-ħidma tiegħu sal-COP31 (2026).

41. JENFASIZZA l-importanza ta' azzjoni mill-entitajiet ikkonċernati li mhumieq Partijiet, anke fil-proċess tal-UNFCCC, u JINKORAĠĠIXXI l-isforzi ulterjuri tagħhom lejn l-implimentazzjoni effettiva tal-Ftehim ta' Pariġi u l-implimentazzjoni tal-eżiti tar-Rendikont Globali, inkluż permezz tal-Aġenda għal Azzjoni Klimatika Globali. JAPPELLA għal sforzi bħal dawn biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi - inkluż permezz ta' impenji trasparenti u robusti għal emissjonijiet żero netti li jippermettu l-obbligu ta' rendikont, appoġġati minn pjanijiet ta' azzjoni kredibbli, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Esperti tas-Segretarju Ġenerali tan-NU dwar l-Impenji għal Emissjonijiet Żero Netti ta' Entitajiet Mhux Statali.

42. JAGĦRAF l-appelli qawwija tas-soċjetà ċivili, speċjalment miż-żgħażaġh, għal azzjoni aktar ambizzjuża u aktar mgħaġġla dwar il-klima, filwaqt li titqies l-ekwità interġenerazzjonali, u l-ħtieġa li tiġi stabbilita tranżizzjoni ekoloġika ta' benefiċċju soċjali li tqis il-ħtiġijiet taċ-ċittadini; f'dan il-kuntest JIRRIKONOXXI l-importanza tal-parteeipazzjoni pubblika u l-involvement attiv kif ukoll l-aċċess għall-informazzjoni fl-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-azzjoni dwar il-klima.
43. JIRRIKONOXXI t-tmexxija tal-gvernijiet lokali u reġjonali fl-aċċellerazzjoni u t-twessigħ tal-azzjoni klimatika filwaqt li jinvolvu b'mod effettiv liċ-ċittadini fil-proċess trasformativ għal stili ta' ħajja u xejriet ta' konsum u produzzjoni sostenibbli u JISĦAQ fuq il-ħtieġa għal involviment akbar tal-gvernijiet lokali u reġjonali fil-proċess tal-implimentazzjoni tal-NDCs, il-pjanijiet ta' adattament nazzjonali (NAPs) u l-istrateġiji fit-tul.
44. JENFASIZZA l-importanza tal-inizjattivi u l-wegħdiet ta' diversi entitajiet ikkonċernati mill-pajjiżi u entitajiet privati biex titħaffef l-implimentazzjoni tal-azzjoni dwar il-klima fis-setturi kollha.

ORGANIZZAZZJONIJIET U PROĊESSI INTERNAZZJONALI OĦRAJN

45. JISSOTTOLINJA li t-tibdil fil-klima u l-kriżijiet tat-telf tal-bijodiversità, id-deżertifikazzjoni, it-tniġġis, kif ukoll id-degradazzjoni tal-art, tal-ilma u tal-oċeani huma interkonnessi b'mod qawwi u jsaħħu lil xulxin, u JISĦAQ li dawn jistgħu jiġu indirizzati b'suċċess biss b'approċċ koerenti li jinkludi strateġiji ta' benefiċċju reċiproku, b'salvagwardji soċjali u ambjentali b'saħħithom, inkluż soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura kif definiti mill-ħames Assemblea Ambjentali tan-Nazzjonijiet Uniti (UNEP/EA.5/Res.5). IĦEĠĠEĠ lill-Partijiet biex jinkludu soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura fl-NDCs, l-istrateġiji fit-tul u l-pjanijiet nazzjonali ta' allokazżjoni tagħhom. JAPPELLA għal kooperazzjoni aktar mill-qrib u t-tiżiħ tas-sinerġiji fost il-Konvenzjonijiet ta' Rio u Ftehimiet Ambjentali Multilaterali oħra, kif ukoll inizjattivi tan-NU u proċessi internazzjonali rilevanti oħra. JENFASIZZA l-ħtieġa li tiġi indirizzata r-rabta interkonnessa bejn l-ilma u l-klima b'mod b'saħħtu u olistiku.

46. JIBQA' IMPENJAT B'MOD QAWWI għat-tisħiħ tas-sinerġiji bejn il-UNFCCC u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Diversità Bijoloġika (KDB), inkluż l-allinjament ma' u l-appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal adottat fil-COP15.2 f'Diċembru 2022 f'Montreal, u b'mod speċifiku l-Mira 8 tiegħu, u d-Deċennju tan-NU dwar ir-Restawr tal-Ekosistemi, u biex ikomplu javvanzaw il-miżuri għal kobenefiċċji li jsaħħu lil xulxin għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih u t-twaqqif u t-treġġigħ lura tat-telf tal-bijodiversità. JILQA' l-kooperazzjoni bejn l-IPCC u l-Pjattaforma Intergovernattiva tal-Politika tax-Xjenza dwar il-Bijodiversità u s-Servizzi Ekosistemiċi matul is-seba' perjodu ta' valutazzjoni kif mitlub fl-IPBES-10. IFAKKAR fid-Dikjarazzjoni ta' Glasgow tal-Mexxejja dwar il-Foresti u l-Użu tal-Art bl-għan li jitwaqqaf u jitreġġa' lura t-telf tal-foresti u d-degradazzjoni tal-art sal-2030.
47. JIBQA' IMPENJAT UKOLL li jsaħħaħ is-sinerġiji bejn il-UNFCCC u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Ġlieda kontra d-Deżertifikazzjoni (UNCCD), permezz ta' inizjattivi bħall-Alleanza Internazzjonali għar-Reżiljenza għan-Nixfa (IDRA), il-Forum tan-NU dwar il-Foresti, il-Qafas ta' Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri, l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa u l-kisbiet tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli. JILQA' l-konklużjonijiet tal-President tal-Assemblea Ġenerali tal-Konferenza tan-NU dwar l-Ilma tal-2023, u JĦEĠĠEĠ l-implimentazzjoni rapida tagħhom, filwaqt li jirrikonoxxi r-rwol ċentrali li għandu l-ilma fl-aġenda tal-iżvilupp sostenibbli, filwaqt li jagħmel enfasi fuq l-ilma bħala opportunità ewlenija biex jinkisbu l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih. JILQA' WKOLL ir-riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU b'segwitu għall-Konferenza tan-NU dwar l-Ilma tal-2023 li tisfrutta l-momentum politiku maħluq mill-konferenza u toffri perkors 'il quddiem fit-tiswir tal-futur tal-Azzjoni dwar l-Ilma fin-NU. F'dan il-kuntest, IFAKKAR fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-UE dwar l-Ilma fl-azzjoni esterna tal-UE u l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew li jirrikonoxxu l-ħtieġa għal azzjoni msaħħa tal-UE u dik globali dwar l-ilma u jissottolinja l-importanza ta' approċċ strateġiku għas-sigurtà tal-ilma.

48. JIBQA' IMPENJAT li jenfasizza r-rwol fundamentali li għandhom il-ġestjoni sostenibbli tal-oċeani u tal-ilma u l-ekosistemi sani marbutin mal-ilma fir-reżiljenza għall-klima b'mod ġenerali, u l-importanza li ssir ħidma f'konformità mad-Deċennju tan-NU għax-Xjenza tal-Oċeani għall-Iżvilupp Sostenibbli 2021–2030 u mad-Deċennju ta' Azzjoni tan-NU dwar l-Ilma 2018–2028. Għalhekk, JILQA' l-adozzjoni tal-Ftehim fl-ambitu tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar dwar il-Konservazzjoni u l-Użu Sostenibbli tad-Diversità Bijoloġika tal-Baħar ta' Żoni lil hinn mill-Ġurisdizzjoni Nazzjonali (BBNJ) u JAPPELLA għar-ratifika u d-dħul fis-seħħ rapidi tiegħu kif ukoll għal azzjoni urġenti fil-protezzjoni tal-oċeani u l-ilma, b'mod partikolari biex jiġu appoġġati n-negozjati għall-iżvilupp ta' Strument Internazzjonali Legalment Vinkolanti dwar it-Tniġġis mill-Plastik, inkluż fl-Ambjent tal-Baħar filwaqt li JISĦAQ fuq il-ħtieġa għal kisbiet konkreti fir-rigward tal-SDGs dwar il-klima, l-oċeani u l-ilma.
49. IFAKKAR li r-rapport tal-AR6 tal-Grupp ta' Ħidma III tal-IPCC jidentifika l-avjazzjoni u t-tbaħħir internazzjonali bħala setturi fejn hija meħtieġa aktar azzjoni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet. JILQA' l-progress li sar mill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI) fl-istrateġija riveduta tagħha dwar il-gassijiet serra li tinkludi ambizzjoni komuni msaħħa biex jintlaħqu emissjonijiet ta' gassijiet serra żero netti mit-tbaħħir internazzjonali qrib l-2050 b'punti ta' kontroll indikattivi għall-2030 u l-2040 u li tiżgura l-użu ta' fjuwils alternattivi ta' gassijiet serra żero u kważi żero sal-2030. IĦEĠĠEĠ lill-OMI tkompli l-ħidma tagħha biex sal-2025 tiżviluppa u tadotta miżuri ta' nofs it-terminu li għandhom jinkorporaw standard li jirregola t-tnaqqis gradwali tal-intensità tal-gassijiet serra tal-fjuwils tal-baħar, u mekkaniżmu ta' pprezzar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra marittimi. JAPPELLA lill-Istati Membri tal-ICAO biex, mhux aktar tard mill-Assemblea tal-ICAO fl-2025, jaqblu li jżidu b'mod sinifikanti l-livell ta' ambizzjoni tal-CORSIA f'konformità mal-kisba tal-għan aspirazzjonali fit-tul tagħha u l-ilħuq tal-oġettivi tal-Ftehim ta' Pariġi.

50. Il-Kunsill jirrikonoxxi r-rwol kruċjali tal-oċeani, il-funzjoni tal-"karbonju blu" tagħhom u l-ħtieġa kruċjali li jiġu protetti, konservati u restawrati l-ekosistemi terrestri, inkluż il-foresti kif ukoll l-ekosistemi tal-ilmijiet interni u kostali fil-mitigazzjoni, l-adattament u l-bini tar-reżiljenza kontra l-effetti tat-tibdil fil-klima. JILQA' d-Djalogu annwali dwar l-Oċeani u t-Tibdil fil-Klima fl-ambitu tal-UNFCCC.
-